ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 116

Edizzjoni bil-Malti — Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

21 ta' Mejju 2009

Avviż Nru — Werrej — Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**


| | | |
|---|---|---|
| 2009/C 116/01 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 1 |
| 2009/C 116/02 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 4 |
| 2009/C 116/03 | Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet (1) | 5 |
| 2009/C 116/04 | Għall-Kooperazzjoni bejn il-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament u l-Kummissjoni Ewropea, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali | 6 |
| 2009/C 116/05 | Awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax | 12 |
| 2009/C 116/06 | Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE – Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax | 15 |


(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 116/07 Rata tal-kambju tal-euro ........ 18

2009/C 116/08 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ........ 19

2009/C 116/09 Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni ........ 20

MT

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 116/01)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 7.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 408/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Mecklenburg-Vorpommern |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Technologiefonds Mecklenburg-Vorpommern |
| Il-bażi legali | Landeshaushaltsordnung Mecklenburg-Vorpommern,Beteiligungsgrundsätze des Technologiefonds Mecklenburg-Vorpommern. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp, Kapital ta' riskju, Innovazzjoni |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta, Provvista ta' kapital ta' riskju, Forom oħra ta' intervent ta' ekwità |
| L-Estimi | Baġit globali: 6 miljun EUR |
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2009-31.12.2016 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministerium für Wirtschaft, Arbeit und Tourismus<br>Mecklenburg-Vorpommern<br>1048 Schwerin<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 9.3.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 452/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Rheinland-Pfalz |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Innotop Rheinland Pfalz, R&D&I Scheme |
| Il-bażi legali | Landeshaushaltsordnung Rheinland-Pfalz vom 20. Dezember 1971 (GVBl. 1972 S. 2 ff.), zuletzt geändert durch Euro-Anpassungsgesetz Rheinland-Pfalz vom 6. Februar 2001 (GVBlö. S. 29 ff.); Verwaltungsvorschrift zum Vollzug der Landeshaushaltsordnung vom 20. Dezember 2002. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit annwali: 10 miljun EUR<br>Baġit globali: 70 miljun EUR |
| L-intensità | 80 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2009-31.12.2015 |
| Setturi ekonomiċi | — |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Investitions- und Strukturbank Rheinland-Pfalz (ISB) GmbH<br>Holzhof str. 4<br>55116 Mainz<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 8.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 540/08 |
| Stat Membru | L-Ungerija |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Kulturális támogatáási program az EGT és Norvég Finanszírozási Mechaniszmusok Keretében |
| Il-bażi legali | 201/2005. (IX. 27.) Kormányrendelet |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Kultura |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Għotja diretta |
| L-Estimi | Baġit globali: 14 140 miljun HUF |

| | |
|---|---|
| L-intensità | 100 % |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2004-30.4.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Attivitajiet ta' rikreazzjoni, kultura u sport |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Nemzeti Fejlesztési Ügynökség<br>Wesselényi u. 20-22.<br>1077 Budapest<br>MAGYARORSZÁG/HUNGARY |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 1.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 627/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Brandenburg |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Frühphasenfonds Brandenburg für junge innovative Unternehmen |
| Il-bażi legali | Landeshaushaltsordnung Rheinland-Pfalz vom 20. Dezember 1971, zuletzt geändert durch Euro-Anpassungsgesetz Rheinland-Pfalz vom 6. Februar 2001 und Verwaltungsvorschrift zum Vollzug der Landeshaushaltsordnung vom 20. Dezember 2002. |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp, Innovazzjoni, Kapital ta' riskju |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Provvista ta' kapital ta' riskju, Self b'rata ta' imgħax baxxa, Forom oħra ta' intervent ta' ekwità |
| L-Estimi | Baġit globali: 20 miljun EUR |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 1.1.2009-31.12.2015 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Frühphasenfonds-Gesellschaft<br>Steinstraße 104-106<br>14480 Berlin<br>DETSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

**Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 116/02)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 22.4.2009 |
| Għajnuna Nru | N 139/09 |
| Stat Membru | Il-Latvja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Procedure for Issuing and Supervision of Guarantees in Order to Minimize the General Economic Risk and Social and Economic Crisis |
| Il-bażi legali | Government Regulation "Procedure for Issuing and Supervision of Guarantees in Order to Minimize the General Economic Risk and Social and Economic Crisis" |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Garanzija |
| L-Estimi | Baġit globali: 250 miljun LVL |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | sal-31.12.2009 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Finanšu Ministrija Smilsu 1<br>Riga, LV-1919<br>LATVIJA |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

**Awtorizzazzjoni ta' l-għajnuna Statali fil-qafas tad-Dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/C 116/03)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 28.1.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 29/09 |
| Stat Membru | Franza |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Modification du dispositif de renforcement des fonds propres des banques |
| Il-bażi legali | Article 6, III de la loi n° 2008-1061 du 16 octobre 2008 de finances rectificative pour le financement de l'économie |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma ta' l-għajnuna | Forom oħra ta' intervent ta' ekwità |
| L-Estimi | 21 500 miljun EUR |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien (perjodu) | 4.12.2008-4.6.2009 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Société de prise de participation de l'Etat<br>FRANCE |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

# GĦALL-KOOPERAZZJONI BEJN IL-KOOPERAZZJONI EWROPEA GĦALL-AKKREDITAMENT U L-KUMMISSJONI EWROPEA, L-ASSOĊJAZZJONI EWROPEA TAL-KUMMERĊ ĦIELES U L-AWTORITAJIET KOMPETENTI NAZZJONALI

(2009/C 116/04)

## 1. ĠENERALI

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament dwar l-akkreditament") jipproteġi l-politika Komunitarja fil-qasam tal-akkreditament. Hu jintroduċi qafas legali komprensiv għall-akkreditament li jistabbilixxi fil-livell Komunitarju l-prinċipji għall-operat u l-organizzazzjoni tiegħu. Dan jimponi obbligi fuq l-entitajiet nazzjonali ta' akkreditament, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea u jiddefinixxi kemm ir-responsabbiltajiet rispettivi kif ukoll l-irwol ta' koordinazzjoni tal-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament (EA).

Il-linji gwida attwali jippreżentaw l-impenn tal-politika tal-EA, tal-Kummissjoni Ewropea, tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Dawn huma intenzjonati biex iwessgħu u jsaħħu l-kooperazzjoni biex jiġu riflessi l-iżviluppi fil-politika u l-leġiżlazzjoni, bħall-adozzjoni tar-Regolament dwar l-akkreditament, u biex tiġi stabbilizzata l-pożizzjoni tal-akkreditament, l-entitajiet ta' akkreditament fl-UE u l-Istati Membri tal-EFTA u l-EA bl-għan li tiġi ppreparata implimentazzjoni b'suċċess tal-imsemmi Regolament. Il-linji gwida attwali ma jintroduċu bl-ebda mod obbligi legali jew finanzjarji jew kundizzjonijiet. Dawn huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fil-Qafas tal-ftehim ta' sħubija bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-EA.

Dawn il-linji gwida għandhom jagħmlu possibbli t-tranżizzjoni mingħajr xkiel għall-ambjent il-ġdid li għandu jinħoloq wara l-adozzjoni tar-Regolament dwar l-akkreditament. L-adozzjoni tiegħu kienet attivata minħabba n-nuqqas ta' bażi legali komuni għall-akkreditament, li wassal għal approċċi differenti u għal sistemi li jvarjaw li kkawżaw livell mhux l-istess ta' severità fl-Istati Membri tal-UE/EFTA. Il-proposta, li l-adozzjoni tagħha kienet ukoll inkuraġġuta mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "It-Tisħiħ tal-Implimentazzjoni tad-Direttivi bil-Metodu l-Ġdid", għandha tirriżulta fl-iżvilupp ta' qafas komprensiv għall-akkreditament li jiżgura aktar koerenza, trasparenza u kooperazzjoni ta' servizzi ta' akkreditament fl-UE u l-EFTA.

Il-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament (EA) fuq naħa u l-Kummissjoni Ewropea, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fuq in-naħa l-oħra, jikkonfermaw li l-akkreditament hu attestazzjoni indipendenti u awtoritattiv, mogħti minn entitajiet ta' akkreditament, dwar il-kompetenza, l-imparzjalità u l-integrità tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità (CABs) u, għalhekk, dwar il-valur u l-kredibilità tar-rapport dwar l-ittestjar u l-ispezzjonijiet, iċ-ċertifikati ta' kalibru, is-sistema ta' ġestjoni, il-prodott u ċ-ċertifikati tal-istaff u attestazzjonijiet oħra maħruġin skont l-istandards armonizzati.

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jagħrfu li l-akkreditament iservi bħala kredenzjali għall-entitajiet li joperaw fil-livell tal-valutazzjoni tal-konformità u hu għalhekk mezz li bih tinbena l-fiduċja tal-utenti tagħhom. Dan għalhekk jikkontribwixxi biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-kompetenza tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità u konsegwentement fl-attestazzjonijiet ta' konformità maħruġin minnhom. L-akkreditament jiżgura li l-entitajiet involuti fl-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità jkollhom il-kompetenzi meħtieġa u hu għalhekk essenzjali għat-twettiq ta' livell aktar konsistenti ta' prestazzjoni.

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jagħrfu li l-akkreditament għandu effett fuq l-għadd ta' oqsma ta' preokkupazzjoni pubblika, bħas-saħħa u s-sikurezza, l-ambjent, il-kompetittività tal-industrija u ħwejjeġ oħra. Dan jikkontribwixxi għas-sikurezza tal-post tas-suq u għalhekk jiżgura l-fiduċja tal-utenti fil-post tas-suq Ewropew li hi kruċjali għat-tħaddim sew tas-Suq Intern. L-akkreditament intuża bħala għodda ta' għarfien ta' kompetenza teknika f'diversi oqsma: is-sistemi tal-ġestjoni ambjentali, il-ġestjoni ekoloġika u l-iskemi ta' awditjar (EMAS) u l-ittestjar fl-analiżi tal-ikel jagħmlu parti mill-eżempji. L-akkreditament jista' jkollu rwol importanti fil-politika pubblika u jista' jservi bħala għodda vitali li tappoġġa l-leġiżlazzjoni u b'mod partikolari biex tappoġġa l-proċess ta' notifika tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità fl-Istati Membri fil-qafas tad-Direttivi tal-Metodu l-Ġdid tal-UE. Għalhekk l-akkreditament jipprovdi l-mezz biex jiġi żgurat li l-entitajiet kollha notifikati joperaw bl-istess standards.

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jagħrfu li sabiex l-akkreditament ikollu valur miżjud bħala livell awtoritattiv ta' kontroll, jinħtieġlu li jitħaddem bħala attività ta' awtorità pubblika, li jrid jitwettaq b'konformità sħiħa mar-rekwiżiti applikabbli, tekniċi li qed jevolvu, f'kundizzjonijiet ta' indipendenza u akkontabilità lejn il-partijiet interessati kollha, mingħajr interess uniku li jippredomina, ħieles minn kull pressjoni kummerċjali u mingħajr kompetitizzjoni bejn l-entitajiet ta' akkreditament u l-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll fost l-entitajiet ta' akkreditament infushom, kemm fl-oqsma (immexxija mis-suq) regolati u mhux regolati għall-valutazzjoni tal-konformità.

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jagħrfu li l-effettività tas-servizzi ta' akkreditament fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità hi korrelatata mal-konsistenza tal-mudell Ewropew ta' akkreditament irrispettivament mill-qasam tal-politika. Il-mudell għandu jinbena fuq prinċipji komuni u jiġi implimentat bl-istess mod fiż-ŻEE kollha permezz ta' kriterji tekniċi armonizzati adattati speċifikament għas-settur u l-istrument tal-politika.

Dawn il-linji gwida għandhom l-għan li jkomplu jibnu fuq ir-relazzjonijiet stabbiliti permezz tal-Memorandum ta' Ftehim dwar il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u l-kooperazzjoni Ewropea għall-akkreditament fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità ffirmat fl-1999 kif ukoll l-Arranġament ta' Kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta, li hu Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, u l-Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditament dwar it-turija ta' affidabilità u ta' komparabilità tal-miżuri kimiċi ffirmat fl-2005.

Billi s-sitwazzjoni li tirrigwarda l-akkreditament żviluppat matul dawn l-aħħar snin, l-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali ftiehmu li dawn il-linji gwida għandhom jikkostitwixxu aġġornament fir-rigward tad-dokumenti eżistenti dwar il-kooperazzjoni msemmija hawn fuq biex jiġi kkunsidrat dan l-iżvilupp.

## 2. ŻVILUPP TAL-AKKREDITAMENT EWROPEW

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea u l-EFTA jqisu li dawn il-linji gwida għandhom jikkunsidraw l-elementi li ġejjin:

— L-akkreditament minħabba n-natura tiegħu hu attività ta' awtorità pubblika. Din l-istess natura ġiet ikkonfermata permezz ta' diversi tipi ta' konnessjonijiet mal-Gvernijiet nazzjonali mingħajr ma nbidel, madankollu, il-karattru bażiku tal-awtorità pubblika u tar-responsabbiltà ta' akkreditament. Matul dawn l-aħħar snin sar evidenti li jinħtieġ li jissaħħaħ l-aspett ta' awtorità pubblika tal-akkreditament u li tiġi kkonsolidata l-pożizzjoni tal-entitajiet ta' akkreditament fl-Istati Membri tal-UE/EFTA u r-relazzjoni tagħhom mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

— Ir-relazzjoni tal-awtorità pubblika fil-livell nazzjonali hi stabbilita permezz ta' soluzzjonijiet legali differenti fil-każ ta' kull entità ta' akkreditament. Is-sistemi huma differenti kif inhuma wkoll il-livelli ta' responsabbiltà u l-ambitu tal-mandati mogħtija. Illum il-ġurnata hu ċar li l-entitajiet ta' akkreditament għandhom igawdu status li bih huma jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala awtorità pubblika.

— Mis-snin 70 meta l-akkreditament beda jintuża mill-awtoritajiet nazzjonali biex jiġu implimentati l-mezzi li jkejlu l-kompetenza tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità, approċċi differenti u sistemi differenti żviluppaw fl-Ewropa u mad-dinja kollha. L-ewwel inizjattiva biex id-diversi servizzi ta' akkreditament javviċinaw aktar lejn xulxin fil-livell reġjonali u internazzjonali kien it-twaqqif, fl-1976 tad-WECC – Kooperazzjoni tal-Punent Ewropew dwar il-Kalibru, segwita bil-ħolqien tal-Kooperazzjoni Internazzjonali dwar l-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (ILAC) fl-1977. Imbagħad fl-1987 ġiet stabbilita d-WELAC – il-Kooperazzjoni tal-Punent tal-Ewropa dwar l-Akkreditament tal-Laboratorji. Id-WECC u d-WELAC ingħaqdu fl-1994 biex jifformaw il-kooperazzjoni għall-Akkreditament Ewropew tal-Laboratorji (EAL). Sadattant kien ifformat, fl-1991, l-Akkreditament Ewropew ta' Ċertifikazzjoni (EAC). Fil-livell internazzjonali twaqqaf ukoll il-Forum Internazzjonali tal-Akkreditament (IAF) fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni li jkopri l-akkreditament ta' entitajiet ta' ċertifikazzjoni u ta' spezzjoni. Fl-1997 l-EAL u l-EAC ingħaqdu biex ħolqu l-EA, li aktar tard fl-2000 kienet stabbilita bħala entità legali. L-EA hi rreġistrata taħt il-liġi Olandiża bħala assoċjazzjoni mingħajr profitt li tiġbor l-entitajiet nazzjonali ta' akkreditament li jaġixxu bħala awtorità pubblika fil-qasam tal-akkreditament tal-attivitajiet kollha dwar il-valutazzjoni tal-konformità.

— Il-kooperazzjoni fil-livell Ewropew (u internazzjonali) bejn l-entitajiet ta' akkreditament – li għandhom l-għan li jarmonizzaw ir-regoli, il-proċeduri u l-prattiki ta' akkreditament biex jiġi promoss u ffaċilitat il-kummerċ ħieles dinji - jinħtieġilha li tkun akkumpanjata u appoġġata minn ambjent leġiżlattiv pożittiv. L-imsemmi Memorandum ta' Ftehim kien l-ewwel għarfien pubbliku tal-EA.

— Bil-Ftehim taż-ŻEE, l-Istati tal-EFTA li jagħmlu parti mill-Ftehim impenjaw lilhom infushom li jipparteċipaw fis-Suq Uniku, bl-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri tal-UE. Billi r-Regolament propost dwar l-akkreditament għandu jkun test b'rilevanza għaż-ŻEE, dan għandu joħloq l-istess bażi legali għall-użu ta' akkreditament fl-Istati tal-EFTA ŻEE bħall-UE.

— Il-politika ta' akkreditament konsistenti ma' dawn il-linji gwida u l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' kwalità għandha tkun ta' importanza primarja fit-Turkija bħala aspett intrinsiku tal-unjoni doganali bejn l-UE u t-Turkija u t-tħaddim xieraq tagħha.

Minħabba l-fatti mfissra hawn fuq, l-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jixtiequ jikkonfermaw il-qbil reċiproku tagħhom dwar għadd ta' għanijiet ta' politiki u dwar l-irwol tal-akkreditament f'dan il-kuntest, dwar il-prinċipji tar-relazzjonijiet tagħhom u tal-kooperazzjoni u dwar l-intenzjonijiet attwali tagħhom għall-ksib ta' dawn l-għanijiet.

## 3. GĦANIJIET TA' POLITIKA KOMUNI

L-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jaqblu li l-akkreditament għandu rwol importanti fis-suq internazzjonali u l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej u li hu jikkostitwixxi strument importanti ta' appoġġ għall-politika u l-leġiżlazzjoni Ewropea li jirriflettu l-interess pubbliku, notevolment fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni Komunitarja armonizzata. L-għanijiet Ewropej tal-politika ta' akkreditament huma, għalhekk, kif ġej:

— Li jkollhom sehem fit-tħaddim xieraq tas-suq intern, li jiffaċilitaw il-moviment ħieles tal-prodotti u s-servizzi billi jiżguraw l-abbiltà tagħhom li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea billi jiġu kkunsidrati l-aspetti kollha ekonomiċi, soċjali, ambjentali u oħrajn ta' interess pubbliku u b'mod partikolari jippermettu livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent u l-konsumaturi.

— Jikkontribwixxu biex jitneħħew l-ostakoli tekniċi tal-kummerċ billi tinħoloq fiduċja fis-servizzi akkreditati għall-valutazzjoni tal-konformità u fir-riżultati korrispondenti, biex b'hekk tiġi eliminata l-ħtieġa ta' ħafna akkreditamenti u ta' ħafna valutazzjonijiet għall-prodotti, is-sistemi jew servizzi f'kull pajjiż fejn prodotti u servizzi ta' din ix-xorta jitqiegħdu fis-suq u, b'dan il-mod, jikkontribwixxu għall-kompetitittività tal-ekonomija Ewropea.

— Jifirxu u jippromwovu l-mudell Ewropew ta' akkreditament ibbażat fuq il-prinċipji li entitajiet ta' akkreditament jaġixxu b'awtorità pubblika u li l-akkreditament jitwettaq mingħajr motivazzjoni kummerċjali u jevita l-kompetizzjoni, kemm bejn l-entitajiet ta' akkreditament u l-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità u anki fost l-entitajiet ta' akkreditament infushom.

— Iżommu l-irwol ta' akkreditament bħala l-pilastru ċentrali ta' trasparenza u ta' fiduċja li l-awtoritajiet pubbliċi u l-post tas-suq jistgħu jkollhom fl-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità kemm jekk joperaw fil-qasm regolat jew mhux regolat.

— Iservu bħala l-aħħar livell awtoritattiv ta' kontroll tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità fir-rigward tal-kompetenza teknika u tal-integrità professjonali tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità, biex tinħoloq fiduċja reċiproka.

— Ikunu flessibbli fl-adattament u jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali u biex iservu f'dan ir-rigward bħala għodda essenzjali għall-appoġġ tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, prinċipalment meta jintuża l-akkreditament bħala appoġġ għal-leġiżlazzjoni Komunitarja, bħal dik ta' għażla ġġustifikata ta' entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità li għandhom jiġu nnotifikati li huma kapaċi jwettqu inkarigi skont il-leġiżlazzjoni Komunitarja.

— Ikomplu jsaħħu livell aktar sostanzjali u l-istess ta' rigorożità tas-servizzi ta' akkreditament fl-Istati Membri tal-UE/EFTA permezz tal-iżvilupp ta' qafas komprensiv għall-akkreditament bl-għan li tiżdied il-koerenza, l-ekwivalenza, it-trasparenza u l-kooperazzjoni tas-servizzi ta' akkreditament, kemm fl-oqsma regolati u mhux regolati, filwaqt li titqies il-libertà tal-operaturi fil-qasam voluntarju biex jużawhom.

— Jippromwovu kontribuzzjoni ffokata, prestazzjoni mmexxija mill-kwalità u armonizzata tal-entitajiet ta' akkreditament billi jqisu kemm dawk li jagħmlu possibbli s-sistema u r-riżultat tas-sistema, żgurati permezz ta' sistema b'saħħitha, effettiva u li tiffunzjona tajjeb ta' valutazzjoni bejn il-pari bejn dawn l-entitajiet, permezz ta' kriterji u proċeduri ta' valutazzjoni tajba u trasparenti.

— Jiżviluppaw b'mod kontinwu u jżidu l-għerf, il-kompetenza u l-mezzi rilevanti li l-entitajiet ta' akkreditament għandhom sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw b'mod xieraq il-kompetenza ta' entità għall-valutazzjoni tal-konformità billi jiddeterminaw l-għerf teknoloġiku u l-kompetenza u l-kapaċità tagħha li twettaq valutazzjoni skont ir-rekwiżiti applikabbli, kemm orjentati għas-settur speċifiku u għall-istrument leġiżlattiv.

— Jinkuraġġixxu l-entitajiet akkreditati għall-valutazzjoni tal-konformità biex jiżviluppaw u jżidu b'mod kontinwu l-għerf, il-kompetenza u l-mezzi rilevanti tagħhom sabiex ikunu jistgħu jipprovdu servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità b'fiduċja u b'għarfien.

— Jappoġġaw livell għoli ta' kwalità għall-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità kemm jekk dawn iseħħu fl-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni jew le u jsaħħu t-trasparenza bi tkomplija ta' dawn l-attivitajiet. Għal dan l-għan, l-involviment ta' partijiet interessati rilevanti fl-iżvilupp tal-politika ta' akkreditament hu essenzjali sabiex jiżguraw l-aċċettazzjoni ġenerali u approċċ koerenti.

— Jippromwovu, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali pubbliċi tal-Istati Membri tal-UE/EFTA, l-użu ta' akkreditament f'setturi ġodda u f'oqsma ta' attività fejn il-potenzjal tal-akkreditament għandu ma ġiex esplojtjat b'mod sħiħ, b'mod partikolari fl-oqsma regolati.

— Jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' akkreditament fil-livell internazzjonali, speċjalment bl-għan li jissaħħu l-aspetti tal-interess pubbliku ta' akkreditament u jippromwovu aċċettazzjoni u għarfien reċiproku ta' ċertifikati ta' akkreditament u ta' riżultati korrispondenti ta' valutazzjoni tal-konformità mad-dinja kollha.

— Jippromwovu għarfien reċiproku tar-rapporti ta' ttestjar u ta' spezzjonijiet, taċ-ċertifikati u ta' attestazzjonijiet maħruġa minn entitajiet akkreditati għall-valutazzjoni tal-konformità fl-Istati Membri tal-UE/EFTA sabiex ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-Ewropa u mad-dinja kollha mingħajr restrizzjonijiet mhux iġġustifikati għall-attivitajiet tagħhom.

— Jipprovdu l-pajjiżi kandidati, pajjiżi kandidati potenzjali u pajjiżi ġirien b'għodda prinċipali biex jirrinforzaw l-addattament tal-ekonomiji tagħhom għas-suq tal-Komunità u biex jippromwovu kooperazzjoni teknika, assistenza u Ftehimiet ta' Għarfien Reċiproku (MRAs) ma' pajjiżi terzi.

— Jippromwovu r-riċerka u l-iżvilupp li jirriflettu l-iżvilupp mgħaġġel ta' proċessi teknoloġiċi, industrijali u ta' servizzi, fl-oqsma kollha tal-valutazzjoni tal-konformità, u jrewmu l-użu tal-attivitajiet inter-komparattivi u ta' ttestjar ta' profiċjenza billi jipprovdu indikazzjoni effettiva tal-kwalità tal-kontribuzzjonijiet tal-attivitajiet akkreditati tal-valutazzjoni tal-konformità.

4. **PRINĊIPJI TA' RELAZZJONI U TA' KOOPERAZZJONI**

Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet, l-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali għandhom ftehim komuni li:

— Ir-relazzjonijiet bejn l-EA u l-awtoritajiet pubbliċi f'livell Ewropew, kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali pubbliċi, għandhom ikunu bbażati fuq l-għarfien tal-għanijiet komuni ddefiniti fit-taqsima 3 hawn fuq, filwaqt li jinżammu preżenti r-responsabbiltajiet distinti u l-kompetenzi tagħhom. Dawn jenfasizzaw li djalogu permanenti, miftuħ u trasparenti bejnhom ikun ta' bażi fundamentali għall-kooperazzjoni.

— L-entitajiet nazzjonali membri tal-EA għandhom rwol vitali fil-kooperazzjoni bejn l-EA, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istati Membri. Il-kooperazzjoni bejn l-entitajiet rilevanti kollha u l-komprensjoni komuni tal-għanijiet iddefiniti fit-taqsima 3 hawn fuq huma essenzjali biex jirnexxu dawn il-linji gwida.

— Ir-regoli interni tal-EA għandhom jiżguraw li, kemm fl-oqsma regolati u mhux regolati, il-partijiet interessati fl-akkreditament huma rrappreżentati b'mod adegwat, sabiex jittieħed kont tal-usa' firxa ta' ideat possibbli fit-tfassil tal-linji gwida ta' akkreditament u ta' dokumenti oħra u li l-proċeduri huma miftuħa u trasparenti.

— Il-koerenza u l-uniformità, kemm fil-livell Ewropew u nazzjonali, għandhom jiġu żgurati fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politika ta' akkreditament, ibbażata fuq it-twaqqif ta' kanali effettivi ta' komunikazzjoni u l-impenn biex tiġi skambjata b'mod attiv l-informazzjoni.

— Hu essenzjali li jsir sforz biex issir tweġiba mill-ewwel u b'mod xieraq għall-ħtiġijiet li jvarjaw tas-suq f'setturi differenti u għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali li r-rikors għall-akkreditament tagħhom hu mistenni li jkun fl-ogħla livell possibbli, b'mod partikolari fl-appoġġ għal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

5. **L-IMPLIMENTAZZJONI**

B'kuntrast mal-isfond tat-taqsimiet preċedenti, l-EA tistenna li l-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li:

— Iżommu qafas legali u politiku trasparenti għall-akkreditament bħala għodda biex jiġu żviluppati s-sedqa u l-fiduċja fil-valutazzjoni tal-konformità u tal-għarfien reċiproku fir-riżultati korrispondenti.

— Jużaw l-akkreditament fejn dan hu xieraq fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-politiki Komunitarji, u jippromwovu r-rikors għalih għal dawn l-għanijiet.

— Jippromwovu, fir-relazzjonijiet tiegħu, il-mudell Ewropew ta' akkreditament ibbażat fuq il-prinċipji li entitajiet ta' akkreditament jaġixxu b'awtorità pubblika u li l-akkreditament jitwettaq b'mod ħieles minn motivazzjoni kummerċjali u b'evitar ta' kompetizzjoni.

— Jikkonsultaw u jikkooperaw mal-EA dwar, u jinvolvu l-EA fi kwistjonijiet tekniċi relatati mal-implimentazzjoni u l-operat uniformi tal-leġiżlazzjoni u l-politika Komunitarji fil-qasam tal-valutazzjoni tal-konformità u tal-akkreditament, b'mod partikolari bl-għan li tiġi promossa l-armonizzazzjoni, l-applikazzjoni konsistenti u kredibbli ta' standards rilevanti fir-rigward tal-politika u tal-leġiżlazzjoni Komunitarji.

— Jitolbu l-EA biex twieġeb kwistjonijiet tekniċi jew tipprovdi l-kompetenza meħtieġa fuq bażi *ad hoc* biex jiġu żviluppati arrangamenti speċifiċi biex jingħata appoġġ lill-inizjattivi Komunitarji.

— Jiżguraw il-possibbiltà ta' kontribuzzjoni effettiva tal-EA lill-gruppi settorjali u differenti ta' ħidma responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fir-rigward tal-akkreditament u jitolbu l-EA biex tiżviluppa u tirrivedi skemi settorjali ta' akkreditament li għandhom jissodisfaw rekwiżiti speċifiċi u ddettaljati relatati mat-teknoloġija jew is-saħħa u s-sikurezza jew l-ambjent fl-oqsma koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja.

— Jagħmlu aċċessibbli għall-EA – meta meħtieġ – il-kompetenza disponibbli taċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta, b'mod partikolari fl-Istitut għar-Referenza dwar il-Materjali u l-Qisien (IRMM) tiegħu bl-għan li tittejjeb il-kwalità tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-konformità.

— Jikkunsidraw rikors sistematiku għall-EA fid-diskussjonijiet internazzjonali tagħhom ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, meta kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni tal-konformità, il-kwalità, il-kompetenza tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità u l-akkreditament jinħoloq dubju dwarhom.

— Ifittxu, fejn xieraq, il-parir u l-kooperazzjoni attiva tal-EA fit-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej ta' assistenza teknika, u kooperazzjoni, ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-akkreditament u tal-valutazzjoni tal-konformità.

— Jiffaċilitaw, safejn hu possibbli, approċċ kkoordinat lejn akkreditament bejn l-EA u l-entitajiet membri tagħha u l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali rilevanti, b'mod partikolari għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

— Jippromwovu l-propagazzjoni ta' tagħrif dwar l-akkreditament u l-potenzjal tiegħu fis-servizzi tiegħu.

— Jappoġġaw l-EA fl-irwol tagħha biex jiġi promoss il-mudell Ewropew ta' akkreditament f'fora internazzjonali ta' akkreditament bħall-ILAC u l-IAF u f'kooperazzjonijiet oħra reġjonali ta' akkreditament.

— Jappoġġaw l-EA fl-isforzi li jittieħdu biex jiżdiedu l-effiċjenza u l-effettività tal-operat tagħha, billi tkun organizzazzjoni li kontinwament ittejjeb u tagħmel lilha nnifisha anki aktar professjonali.

Min-naħa tagħhom, il-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistennew l-EA li:

— Tkompli sservi bħala netwerk kooperattiv ta' entitajiet nazzjonali Ewropej ta' akkreditament għaż-żamma ta' ekwivalenza, trasparenza, konsistenza u effikaċja tal-akkreditament imħaddem fl-UE/EFTA kollha u lilhinn minnhom.

— Isservi l-missjoni pubblika li tiġġenera u żżomm il-fiduċja fl-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità u fir-riżultati tagħhom biex tavvanza sistema mmexxija b'mod trasparenti u bi kwalità biex tivvaluta l-kompetenza tagħhom.

— Tħaddem sistema rigoruża, trasparenti u uniformi ta' valutazzjoni Ewropea bejn il-pari u tkompli ttejjeb is-sistema. Tingħata assigurazzjoni li tiggarantixxi li l-entitajiet akkreditati li b'suċċess għaddew mill-valutazzjoni tal-pari għandhom il-kompetenza u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa biex jivvalutaw, jiċċertifikaw u jimmonitorjaw b'mod regolari l-kompetenza teknika tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità, b'mod partikolari, fejn il-membri tal-infrastruttura Ewropea tal-akkreditament iħaddmu l-akkreditament b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

— Tiżgura li l-valutazzjoni tal-pari bejn il-membri tagħha titħaddem b'tali mod li r-riżultati jista' jkunu ekwivalenti fl-UE/EFTA kollha u jsiru pubbliċi u jistgħu jiġu ġġustifikati abbażi ta' kriterji u proċeduri sodi u trasparenti, inklużi proċeduri xierqa ta' appell. Il-valutazzjoni tal-pari għandha sservi wkoll bħala għodda ta' referenza sabiex jiġi stimulat aktar titjib.

— Timplimenta sistema ta' taħriġ xieraq għall-evalwaturi biex jiżguraw valutazzjonijiet li wieħed jista' joqgħod fuqhom, li jkunu l-istess u koerenti fil-proċess tal-valutazzjoni tal-pari.

— Tiżgura li l-entitajiet membri tagħha jagħtu rendikont sħiħ tagħhom innifishom lill-partijiet kollha interessati, iħaddmu l-akkreditament bħala attività ta' distribuzzjoni mingħajr profitt, ma jipprovdu ebda attivitajiet li jwettqu l-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità, ma jikkompetux ma' entitajiet oħra ta' akkreditament. Permezz tal-membri tagħha, l-EA għandha wkoll tiżgura li piżijiet mhux meħtieġa ma jiġux imposti fuq operaturi minn entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità li huma jakkreditaw. Barra minn hekk, l-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità li huma jakkreditaw għandhom, fl-attivitajiet tagħhom, jikkunsidraw, id-diversità tal-kumpaniji, id-daqs u n-natura tal-attivitajiet tagħhom, mingħajr ma jnaqqsu l-livell neċessarju tal-protezzjoni jew kwalità meħtieġa. Għandhom jiġu wkoll żgurati r-rekwiżiti meħtieġa relatati mal-konfidenzjalità. Bl-istess mod, l-entitajiet membri tal-EA mistennija jużaw il-kompetenza u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa biex jivvalutaw u jiċċertifikaw il-kompetenza teknika tal-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll biex jimmonitorjaw b'mod regolari l-entitajiet akkreditati. Fejn dan hu relatat ma' entitajiet li joperaw b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, għandha tkun żgurata koordinazzjoni meħtieġa mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri tal-EU/EFTA, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-separazzjoni tar-responsabbilitajiet u tal-impenji tal-entitajiet membri tal-EA minn dawk ta' awtoritajiet nazzjonali oħra.

— Tippermetti skambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta' akkreditament b'mod partikolari għar-riċerka u l-iżvilupp tat-temi. L-EA għandha tassisti liċ-Ċentri għar-Riċerka Konġunta - l-IRMM tal-Kummissjoni Ewropea fl-identifikazzjoni ta' prijoritajiet u ta' arranġamenti prattiċi ta' attivitajiet pan-Ewropej ta' tqabbil bejn il-laboratorji u t-taħriġ. Fejn xieraq, l-EA mistennija tinkuraġġixxi l-iżvilupp ta' tekniki u forniment ta' ttestjar dwar il-profiċjenza. Barra minn hekk, l-EA għandha tikkoopera, kull meta jkun meħtieġ u adatt, mal-IRMM - taċ-Ċentru għar-Riċerka Konġunta f'każ ta' inizjattivi li għandhom l-għan li jifirxu l-prattiki u l-kulturi metroloġiċi permezz tal-akkreditament u tas-servizzi akkreditati għall-valutazzjoni tal-konformità.

— Twieġeb għall-Kummissjoni Ewropea u l-EFTA kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-kompetenzi Komunitarji.

— Twieġeb malajr u b'mod xieraq għall-ħtiġijiet differenti tas-suq f'setturi differenti u għall-ħtiġijiet tal-awtoritajiet nazzjonali pubbliċi, b'mod partikolari safejn huma kkonċernati l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni Komunitarja. L-EA għandha tidentifika u tqajjem għarfien għall-għodod nieqsa għall-attivitajiet konnessi mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja u fejn hu possibbli, tipparteċipa, fuq talba, fl-iżvilupp tagħhom.

— Tikkunsidra b'mod xieraq il-parir u l-gwida offruti mill-Kummissjoni Ewropea u l-EFTA, wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, dwar il-kwistjonijiet dwar il-politiki relatati mal-akkreditament.

— Tinforma lill-Kummissjoni Ewropea u l-EFTA dwar il-politiki u l-attivitajiet li jkunu qed jiġu żviluppati li jkunu ta' interess reċiproku u tirrapporta b'mod regolari dwar l-istrateġija tal-EA u l-politika tal-iżvilupp.

— Tikkoopera mal-partijiet interessati u l-partijiet ikkonċernati u tistabbilixxi u żżomm mekkaniżmu adatt għalihom biex twassal l-opinjonijiet tagħhom.

— Tiżgura l-ftuħ, it-trasparenza, l-ekwivalenza u l-kompetenza fl-operat tal-proċeduri tagħha. B'mod partikolari, il-proċess għall-preparazzjoni tal-linji gwida għandhom ikunu miftuħa għall-opinjonijiet u l-kontribuzzjonijiet tal-entitajiet kollha li jirrappreżentaw il-partijiet interessati. Għoti regolari ta' informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-entitajiet għall-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun iggarantit flimkien ma' koerenza żgurata ma' livell internazzjonali, kull fejn hu xieraq.

— Tkun impenjata li twassal akkreditament effiċjenti u ta' kwalità għolja li jwassal valur miżjud lis-suq sħiħ tal-valutazzjoni tal-konformità. B'mod partikolari, l-EA u l-membri tagħha mistennija li jiżviluppaw u li jimplimentaw strateġiji u proċeduri xierqa għal titjib kontinwu kemm f'termini ta' effikaċja u ta' kompetenza.

— Tipparteċipa b'mod attiv fl-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-akkreditament u tirrapport dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-EFTA.

— Tkun impenjata fil-livell Ewropew u internazzjonali biex taġġusta r-regoli eżistenti għal valutazzjoni mill-pari li tkun ta' suċċess sabiex tiftaħ il-proċess tal-valutazzjoni mill-pari għall-entitajiet nazzjonali rikonoxxuti kollha fl-oqsma tekniċi kollha, indipendenti mid-daqs jew l-għadd tal-entitajiet akkreditati għall-valutazzjoni tal-konformità.

— Twettaq u tappoġġa azzjonijiet biex ittejjeb il-viżibilità tal-akkreditament Ewropew u biex tippromwovi l-mudell Ewropew ta' akkreditament.

— Tipprovdi inkuraġġiment għall-progress tal-entitajiet ta' akkreditament fil-pajjiżi li applikaw għas-sħubija fl-UE jew fl-EFTA, minħabba l-parteċipazzjoni u t-twettiq sħiħ tas-sħubija tagħhom tal-EA. Tagħti sħubija sħiħa meta l-kundizzjonijiet xierqa u approvati jkunu ġew issodisfatti. Tagħmel minn kollox biex tinkuraġġixxi l-iżvilupp tal-infrastrutturi ta' kwalità ta' dawn il-pajjiżi.

— Tikkoopera mal-Kummissjoni Ewropea, l-EFTA u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-programmi Komunitarji u tal-EFTA ta' assistenza u kooperazzjoni teknika ma' pajjiżi terzi.

## Awtorizzazzjoni għall-għajnuna mill-Istat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE

## Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax

(2009/C 116/05)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 13.1.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 7/08 |
| Stat Membru | Il-Lussemburgu |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Aides à des activités de publicité et de promotion en faveur des produits agricoles |
| Bażi legali | Loi |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | L-għoti tal-għajnuna għall-attivitajiet ta' riklamar u ta' promozzjoni li jheġġu lill-konsumatur biex jixtri l-prodotti agrikoli ta' kwalità |
| Forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | 660 000 EUR |
| Intensità | — |
| Tul | 6 snin |
| Setturi ekonomiċi | L-agrikultura |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministère de l'Agriculture, de la Viticulture et du Développement rural<br>1, rue de la Congrégation<br>2913 Luxembourg<br>LUXEMBOURG |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test bil-lingwa/i awtentika/ċi, minn fejn ikun tneħħa kull tagħrif kunfidenzjali, huwa disponibbli fis-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | 11.12.2008 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 454/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Il-Bavarja |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Investitionsbeihilfen für den Zuckersektor |
| Bażi ġuridika | Richtlinie des Bayerischen Staatsministeriums für Landwirtschaft und Forsten zur investiven Förderung im Rahmen der Diversifizierungsbeihilfe Zucker, 1.9.2008, Nr. M 4-7613.1-163. |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | It-titjib tal-kompetittività tal-produzzjoni tal-pitravi zokkrija |

| | |
|---|---|
| Il-forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| Baġit | EUR 1 miljun |
| Intensità | 25 % |
| Tul | Sal-31.12.2009 |
| Is-setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| L-isem u l-indrizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna | Bayerische Landesanstalt für Landwirtschaft, Abteilung Förderwesen und Fachrecht<br>Menzinger Str. 54<br>80638 München<br>DEUTSCHLAND |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test tad-deċiżjoni bil-lingwa/i awtentika/ċi, li minnu tneħħa t-tagħrif kunfidenzjali kollu, jinsab fis-sit elettroniku li ġej:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | 13.1.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 491/08 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | Mecklenburg-Vorpommern |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Beregnungsrichtlinie |
| Bażi ġuridika | Richtlinie zur Förderung mobiler Beregnungsmaschinen und -anlagen |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Investimenti f'binjiet agrikoli għax-xiri ta' sistema ġdida ta' makkinarju u tagħmir ta' tisqija bil-friefet |
| Tip ta' għajnuna | Għotja diretta |
| Baġit | Nefqa annwali: EUR 1 miljun<br>Baġit globali: EUR 5 miljun |
| Intensità | 25 % tal-ispejjeż eliġibbli |
| Tul ta' żmien (perjodu) | Mid-data tal-approvazzjoni mill-Kummissjoni sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | L-agrikoltura |
| Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Amt für Landwirtschaft Parchim<br>Lübzer Chaussee 12<br>19370 Parchim<br>DEUTSCHLAND |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test(i) awtentiku/ċi tad-deċiżjoni, minn fejn tneħħa t-tagħrif kunfidenzjali kollu, jinsab(u) fuq is-sit elettroniku:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni | 10.12.2008 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 561/08 |
| L-Istat Membru | Franza |
| Ir-reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Actions conduites par les interprofessions |
| Il-bażi ġuridika | Code rural, livre sixième, titre III (articles L 631-1 à L 632-13)<br>Arrêtés interministériels relatifs à l'extension des accords interprofessionnels<br>Accords interprofessionnels de financement |
| It-tip tal-miżura | Skema-qafas ta' għajnuna |
| Għan | Għajnuna teknika<br>Prodotti ta' kwalità<br>Pubbliċità u promozzjoni<br>Riċerka u żvilupp |
| Tip ta' għajnuna | Taxxi volontarji li jsiru obbligatorji |
| Baġit | Baġit annwali: EUR 250 miljun (stima) |
| Intensità | Varjabbli |
| Tul ta' żmien | Sal-31 ta' Diċembru 2013 |
| Setturi ekonomiċi | L-agrikoltura |
| Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Interprofessjonijiet differenti |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test bil-lingwa/i awtentiku/ċi tad-deċi¿joni, li minnu jkun tneħħa t-tagħrif kunfidenzjali kollu, jinsab fis-sit tal-Internet:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

**Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE**

**Każijiet fejn il-Kummissjoni ma toġġezzjonax**

(2009/C 116/06)

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 30.3.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 6/08 |
| L-Istat Membru | Il-Lussemburgu |
| Ir-reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | L-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola |
| Bażi legali | Il-liġi |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Għotja ta' għajnuna għall-ewwel afforestazzjoni ta' art agrikola |
| Forma tal-għajnuna | Sussidju dirett |
| Il-baġit | 41 250 EUR |
| L-intensità | Sa 41 % |
| It-tul ta' żmien | 4 snin |
| Is-setturi ekonomiċi | Agrikoltura, forestriija u sajd |
| Isem u indirizz ta' l-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministère de l'Agriculture, de la Viticulture et du Développement rural<br>1, rue de la Congrégation<br>2913 Luxembourg<br>LUXEMBOURG |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test bil-lingwa/i awtentika/ċi, minn fejn ikun tneħħa kull tagħrif kunfidenzjali, huwa disponibbli fis-sit http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

---

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 23.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 139/08 |
| Stat Membru | L-Italja |
| Reġjun | Trento |
| Titlu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Premi agroambientali |
| Bażi legali | Deliberazione della Giunta Provinciale di Trento n. 437 del 22 febbraio 2008, criteri attuativi dell'art. 48, comma 2 della L. P. 4/2003. |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Għajnuna għall-impenji agri-ambjentali |
| Forma tal-għajnuna | Għotja diretta |

| | |
|---|---|
| Baġit | EUR 6 000 000 |
| Intensità | — |
| Tul ta' żmien (perjodu) | 2009-2014 |
| Setturi ekonomiċi | Is-settur agrikolu |
| Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Provincia Autonoma di Trento<br>Servizio Vigilanza e promozione delle attività agricole<br>Via G.B. Trener 3<br>38100 Trento<br>ITALIA |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test(i) awtentiku/ċi tad-deċi¿joni, minn fejn tneħħa t-tagħrif kunfidenzjali kollu, jinsab(u) fis-sit http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 6.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 468/08 |
| Stat Membru | Il-Finlandja |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Għajnuna għar-reklamar ta' prodotti agrikoli |
| Bażi ġuridika | Valtioneuvoston asetus Nr. 606/2008 maataloustuotteiden markkinoinnin ja tuotannon kehittämisen avustamisesta (18.9.2008), Valtionavustuslaki Nr. 688/2001 |
| Tip ta' miżura | Skema ta' għajnuna |
| Għan | Il-promozzjoni ta' prodotti agrikoli |
| Forma ta' għajnuna | Sussidju |
| Baġit | EUR 2.5 Miljuni fis-sena |
| Intensità | 100 % |
| Tul ta' żmien | 31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | A1 – Il-produzzjoni ta' wċuħ u annimali, il-kaċċa u attivitajiet ta' servizzi relatati |
| Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Maa- ja metsätalousministeriö<br>PL 30, 00023<br>Valtioneuvosto<br>SUOMI/FINLAND |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test bil-lingwa/i awtentiku/ċi tad-Deċiżjoni, li minnu tneħħa kull tagħrif kunfidenzjali, jinsab fuq is-sit http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

| | |
|---|---|
| Data ta' l-adozzjoni tad-deċiżjoni | 23.4.2009 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 594/08 |
| Stat Membru | Ir-Repubblika Ċeka |
| Reġjun | — |
| Titlu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Modernizace závlahových systémů v zemědělství |
| Bażi legali | Zákon o zemědělství č. 252/1997 Sb.;<br>Ministerská vyhláška č. 560/2006 Sb. o účasti státního rozpočtu na financování programů reprodukce majetku;<br>Program 129 160 – Podpora konkurenceschopnosti Agrárně potravinářského komplexu – závlahy (20). |
| Tip ta' miżura | Skema |
| Għan | Investiment fl-impriżi agrikoli |
| Tip ta' għajnuna | Għotja diretta u sussidju fuq ir-rati ta' interess |
| Baġit | Totali: 900 000 000 CZK (madwar EUR 31 250 000)<br>Ta' kull sena: 250 000 000 CZK (madwar EUR 8 680 000) |
| Intensità | Varjabbli |
| Tul ta' żmien (perjodu) | Mid-data tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013 |
| Setturi ekonomiċi | Agrikoltura |
| Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna | Ministerstvo zemìdìlství Èeské republiky<br>Těšnov 17<br>117 05 Praha 1<br>ČESKÁ REPUBLIKA |
| Tagħrif ieħor | — |

It-test(i) awtentiku/ċi tad-deċiżjoni, li minnu/minnhom tneħħa t-tagħrif kunfidenzjali kollu, jinsab(u) fuq is-sit elettroniku

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/index.htm

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**L-20 ta' Mejju 2009**

(2009/C 116/07)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3690 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,7655 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 131,06 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,5724 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4452 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,6134 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88260 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,2609 |
| SEK | Krona Żvediża | 10,4915 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,9994 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5124 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 706,82 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,5106 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,8100 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,3434 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3634 |
| CZK | Krona Ċeka | 26,615 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 093,38 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8428 |
| HUF | Forint Ungeriż | 277,85 | PHP | Peso Filippin | 64,590 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 43,3320 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7090 | THB | Baht Tajlandiż | 47,169 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3687 | BRL | Real Brażiljan | 2,7819 |
| RON | Leu Rumen | 4,1617 | MXN | Peso Messikan | 17,6943 |
| TRY | Lira Turka | 2,0996 | INR | Rupi Indjan | 64,9180 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni**

(2009/C 116/08)




*Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Portugall*

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Bl-għan li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha kkonċernati li jgħaddu l-muniti minn taħt idejhom, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ([1]) Skont il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill rigward dan is-suġġett fl-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità jipprevedi l-ħruġ ta' muniti euro huma awtorizzati joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni, b'ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li dan jikkonċerna biss il-muniti taż-EUR 2. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom jippreżenta disinn kommemorattiv simboliku qawwi fuq livell nazzjonali jew Ewropew.

**Pajjiż tal-ħruġ:** Il-Portugall

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** It-tieni sensiela ta' Logħob tal-Lużofonija (fejn jieħdu sehem pajjiżi li jitkellmu bil-Portugiż)

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti ta' ġewwa tal-munita tirrappreżenta ġinnasta b'żigarella. Fuq in-naħa ta' fuq, l-arma tal-Portugall tinsab f'nofs ċirku magħmul għall-indikazzjoni tal-pajjiż tal-ħruġ "PORTUGALL". Fuq in-naħa ta' taħt, f'nofs ċirku, il-kitba "2.$^{os}$ JOGOS DA LUSOFONIA LISBOA", bejn l-inizjali "INCM" fuq ix-xellug u l-isem tal-artist "J.AURÉLIO" fuq il-lemin. F'ċirku magħmul miż-żigarella, fuq ix-xellug, id-data "2009".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita jirrappreżenta t-tnax il-kewkba tal-bandiera Ewropea, fuq sfond ta' linji konċentriċi.

**Il-volum tal-ħruġ:** 1 250 000 biċċa

**Data ta' ħruġ:** Ġunju 2009

---

([1]) Ara ĠU C 373, tat-28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill għall-Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, P. 52).

**Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti tal-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni**

(2009/C 116/09)




*Wiċċ Nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika ta' San Marino*

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha tal-euro. Il-Kummissjoni tippubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti tal-euro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha konċernati li jgħaddu l-muniti minn taħt idejhom ([1]). Skont il-konklużjonijiet adottati rigward dan is-suġġett mill-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ([2]), l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ ta' muniti euro huma awtorizzati li joħorġu muniti euro kommemorattivi ddestinati għaċ-ċirkolazzjoni b'ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti ta' 2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi tal-muniti ta' 2 euro l-oħra, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom għandu jippreżenta disinn kommemorattiv li jkun b'mod ċar simboliku fil-livell nazzjonali jew Ewropew.

**Pajjiż tal-ħruġ:** Ir-Repubblika ta' San Marino.

**Suġġett tal-kommemorazzjoni:** 2009, is-sena Ewropea tal-Kreattività u l-Innovazzjoni.

**Deskrizzjoni tad-disinn:** Il-parti interna tal-munita qed tirrappreżenta oġġetti li jfakkru fir-riċerka xjentifika: ktieb, kumpass, tubu tat-testijiet, flixkun b'għonq dejjaq li jintuża fil-laboratorji. Fuq ix-xellug it-tliet rixiet simboliċi tar-Repubblika ta' San Marino. Fuq il-lemin, is-sena "2009" u l-marka taz-zekka "R". Fuq nett, l-iskrizzjoni "CREATIVITÁ INNOVAZIONE". Taħt nett, il-pajjiż tal-ħruġ "SAN MARINO" u l-inizjali "A.M." tal-artist.

Iċ-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

**Kwantità ta' muniti maħruġin:** 130 000 munita

**Data ta' ħruġ:** Mejju 2009.

---

([1]) Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

([2]) Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.01.2009, p. 52).

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja:

| | | |
|---|---|---|
| | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT